

LOCULI



IL-KATAKOMBI
TA' SAN PAWL

MEJDA

# IL-KATAKOMBI

Kemm ftit huma dawk li marru jżuru l-katakombi tar-Rabat. X'fihom tara? qalli wieħed. Jekk hemm bosta jaħsbu bħal dan, għidt jien, aħjar wieħed jikteb żewġ kelmiet biex igħarraf x'fihom tara l-katakombi. Il-katakombi, mhux tar-Rabat biss, iżda ta' kullimkien, huma, tista' tgħid, bliet tal-mejtin, oqbra fuq oqbra maqtugħin fil-blat fl-ewwel snin taż-żmien nisrani, bejn it-tielet u l-ħames seklu (300—500 A.D.) wara Kristu.

Il-kelma *katakombi* donnha ġiet mill-Grieg, u ssemma *katakombi* iċ-ċimiterju ta' San Bastjan f'Ruma fis-sena 400 w.K. F'Ruma qatt ma kien hemm katakombi qabel ma xtered id-din nisrani, waħda għax ir-Rumani ma kenux jindifnu fid-dwiemes, u oħra għax id-dfin ta' għalanija deher biss bejn l-insara. Għax l-insara bit-twemmin il-ġdid ta' Kristu u bil-għaqda ta' l-imħabba li kellhom bejniethom riedu li fil-mewt jibqgħu flimkien bħal ma flimkien kienu jgħixu f'ħajthom. Il-għâda li n-nies tindifen fi dwiemes jew oqbra maqtugħa fil-blat ġiet mill-Palestina mal-Lhud għax dawk mill-qedem kienu jaqtgħu oqbra fil-blat għad-dfin ta' nieshom. Naqraw fil-kotba mqaddsa kif il-Patrjarki ġew midfuna f'oqbra mħaffrin fil-blat ~~u Sidna Ġesù ġiè mqiegħed f'demus misdud b'ħaġra kbira.~~

Dawn id-dwiemes tal-Palestina u tal-Qangħan xterdu ma' kull fejn marru l-Feniċi u l-Kartaġiniżi, iżda qabel ġew l-insara baqgħu oqbra waħdiena, għal ġisem wieħed, li ma' xulxin ma kenux jinfdu. Kull bniedem, jew kull dar għaliha.

Missirijietna ta' l-ewwel iżmna ħadu, naħseb mill-Feniċi, il-għâda li jidfnu fid-dwiemes għax minn dawn hemm eluf imxerrda f'Malta u f'Għawdex.

Dawn l-oqbra aktarx huma qatgħa fil-blat, qasba tul u nofs qasba wisa' li mħaffra għall-qasba jew iżjed. Fil-ħajt tal-qatgħa kien jiġi mħaffer il-qabar li kien jingħalaq b'ħaġra kbira rqiqa kemm tgħatti l-fomm tad-demus.

Mela niesna, fi żmien li Ruma ħakmet dawn il-gżejjer, kienu jidfnu fid-dwiemes maqtugħa fil-blat u għalhekk mita saru nsara u ġew jafu li f'Ruma u f'artijiet oħra l-insara tgħallmu jidfnu lil dawk ta' dinhom fil-katakombi, minnufih qatgħu huma wkoll katakombi barra mill-belt il-kbira.

Għalhekk l-akbar katakombi ta' Malta huma ma' dwar ir-Rabat 'il hemm minn San Pawl ta' barra għax is-swar tal-belt

h-Rum.ini makenux iridu drt ft iibdc*minn.h'"'""kienet: *hominem morluum i»* ^ H tfisser 'ġewwa l-belt u la għandhomfo li-Rabat għandna '" •mejtin". Ir-Rabat għandna I-isbah u I ^ T S J u™Sa«t'Agta, ^ " J ? ^ u oħraj? ,4 Sa". « eftadli bla isen«. *L-Abbatija tad.Dejr; Q* hunia *kb,ir T"* ;Jm la' kaukombi hdejn il-Knisja Fo*.^ ttl-Fiddien. hi - kbgr barl-a mH-Mosta qabel *Ufo* H*»« SJCpsSJl-Baħar, imsejħin 7fc/.tf«/rfl. Barral ffiSf^tgħod m,t-torr, tal-Ġawhau *

Hemm katakombi żgħir il-Gżira ta San Tumas ^ llochod mit-torri; fuq wieħed minn l-oqbra maqtugħa klienJ oaddes lijuri li kien liemm midfun ragel miqjum -u aktarxj nukbiratal-Knisja. "/« À&//W>« 0<>*K>« /«« CAwtf Jz<^t gofafe ZW*' ***salvum tne fac".*** "Fl-Isem Sidna Gesu qUQt inui, Muiejja ħarisni".

Chax kulihadd majmurx jara b'għajnejh dawn l-oqbrafc l-ewwel insara ta' Malta ġew midfuna inħeġġa bil-fidi 1-ġdidau fil-mewt ma kinux jaraw hlief id-daħla tal-ħajja ta' dejjem ?)[ jaf kemm iġsma ta' qaddisin ġew niidfuna fdawk id-dwieme minsija. (1)

Natu harsa lejn il-katakombi ta'San Pawl ir-Rabat.liġ imnaddfa fl 1894, għax sa dak iż-żmien kienu mimlija bi ta! haġar, żibel u kull ma sata jinxeħet fihom ma'tul xielf sen Il-lum indaf u mdawla bil-lampi elettriċi.

Tinżel 18-il tarġa u ssib ruħek f'wesgħa. Fuq ix-xell jidher lidarba kien hemm kappella li tinżel għaliha b'fc ttrġiet Fuq il-lemin hemm taraġ lijieħu għat-triq ta' l-oqk /ewġ qatghiet imdawra donnhom mitħna tal-miexi li hemmf *«għa kienu mwejjed liI-ewlenin insara kienu jimteddo dwarhom u jieklu b'tifkira tal-mejjet li kieng se'r jidfnu. t»Ib kien is.r ma' dwarhom ukoll. /ħ fl^U oqbJirn" ^ka^kombi ħemm tliet xorta ta'oqbra/ H* *^S^^jr^kemm joq*ħod* n k,enu jsejħulhom *loculL*

jgħid is-Sur Pawl Btllanti ftl-Rtieb i



'-"' ana, "'idawn ,najinsabux ħlief Malta.

Kolloxjur. reqqa * Kollox mistur, bla tlelhx, "'^"T'SnTn "għ uriruħu kburi iżda għan- bla nqix għax in-nsraoi mag s; dU f T"1 ra i maghandux jaħseb ħlief fid-dinja 1-oħra fiS iTgħSd hija Ik ta' 1-eghmil it-tajjeb fil-ħajja, ,ż-żma T Hckk kienu jaħsbuha 1-ewwel insara u dan .għallmuna Ikatakonibi. Għalhekk min iżurhom bid dehen jitgħallem x kienu taħmlu missirijietna elfejn sena iluu x'kienu jaħsbu fuq d-ħfjja ta' dejjem u kemm kienu bitwemmin qawwi, jitħejjew għahha.

**T. Z.**

# LILL-KITTIEBA TAL-"MALTI

MIN

MOĦĦU .LEJN .OMMU .JIĠBOR

BIEX .LILHA .JKABBAR

ISIMHA .JWEĠĠAH

U •MA' .KULLHADD .SBUHITHA .JXANDAR

KBIR .JISSEJJAĦ

QUDDIEM .ID-DINJA

GĦAL .DEJJEM .TA' .DEJJEM

ISMU .MNAQQAX .JIĠI

FIL-KTIEB .TAL-HAJJA

TAL-GLORJA.

**P.**